

P6_TA(2009)0128

Irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabilixxi pjan multi-annwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (COM(2009)0093 – C6-0081/2009 – 2009/0029(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2009)0093),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 37 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0081/2009),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 134 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-pjan ta' rkupru ICCAT jħeġġeġ lill-partijiet kontraenti biex, b'mod volontarju, inaqqsu l-qabdiet tagħhom tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran fl-2009, għall-promozzjoni tal-irkupru tal-istokkijiet; xi partijiet kontraenti diġà għamlu dan;

Emenda 4
Proposta għal regolament
Artikolu 2 (g)

Test propost mill-Kummissjoni

(g) "operazzjoni konġunta tas-sajd": tfisser kull operazzjoni bejn żewġ bastimenti tal-qbid jew aktar li jtajru l-bandiera ta' PKK differenti jew ta' Stati Membri differenti fejn il-qabda ta' bastiment tal-qbid individwali hija attribwita lil bastiment tal-qbid ieħor wieħed jew aktar skont kodiċi ta' allokazżjoni;

Emenda 5
Proposta għal regolament
Artikolu 4 (6) – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istat Membru tal-bandiera jista' jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatement lejn port innominat minnu meta l-kwota individwali titqies milħuqa.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Artikolu 21 (1)

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment Komunitarju msemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew lill-PKK li tagħhom *jixtiequ jużaw il-portijiet* jew il-faċilità ta' ħatt mill-inqas erba' siegħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, b'dan li ġej:

Emenda

(g) "operazzjoni konġunta tas-sajd": tfisser kull operazzjoni bejn żewġ bastimenti tal-qbid jew aktar li jtajru l-bandiera ta' PKK differenti jew ta' Stati Membri differenti ***jew ta' bastimenti li jtajru l-istess bandiera*** fejn il-qabda ta' bastiment tal-qbid individwali hija attribwita lil bastiment tal-qbid ieħor wieħed jew aktar skont kodiċi ta' allokazżjoni;

Emenda

L-Istat Membru tal-bandiera ***għandu jissospendi l-awtorizzazzjoni għas-sajd tatonn u*** jista' jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatement lejn port innominat minnu meta l-kwota individwali titqies milħuqa.

Emenda

1. B'deroga mill-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment Komunitarju msemmi fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru (inkluż l-Istat Membru tal-bandiera) jew lill-PKK li tagħhom *jixtieq juża l-portijiet* jew il-faċilità ta' ħatt mill-inqas erba' siegħat qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, ***jew meta d-distanza sal-port tkun inqas, fi tniem l-operazzjonijiet tas-sajd, u qabel ma jibda jbaħħar lura lejn il-port,*** b'dan li

għej:

Emenda 7
Proposta għal regolament
Artikolu (23a)

Test propost mill-Kummissjoni

a) *il*-ħin stmat tal-wasla,

Emenda

a) *data, port u* ħin stmat tal-wasla

Emenda 8
Proposta għal regolament
Artikolu 30(2a)

Test propost mill-Kummissjoni

a) kopertura ta' osservazzjoni ***għal mill-inqas 20%*** tal-bastimenti attivi tal-qbid ta' tul ta' aktar minn 24 m li jistadu bil-purse seines;

Emenda

a) kopertura ta' osservazzjoni ***għal 100 %*** tal-bastimenti attivi tal-qbid ta' tul ta' aktar minn 24 m li jistadu bil-purse seines;

Emenda 9
Proposta għal regolament
Artikolu 30(2b)

Test propost mill-Kummissjoni

b) fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd, li osservatur ikun preżenti matul l-operazzjoni tas-sajd;

Emenda

b) fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti tas-sajd, li osservatur ikun preżenti ***fuq kull bastiment tal-qbid*** matul l-operazzjoni tas-sajd;